**6 ta' Diċembru, 1996**

**Imħallef:-**

**S.T.O. Joseph Said Pullicino, B.A.(Hons.), LL.D. - President**

*Avukat Dottor Louis Bencini noe*

*versus*

Audrey Mangion *et*

## Danni - Inċident Awtomobilistiku

*Il-Qorti ta' l-Appell ikkonfermat is-sentenza ta' l-Ewwel Qorti fejn apporzjonat ir-responsabbilita tal-konvenuti f'porzjonijiet ugwali, għall-inċident atomobilistiku.*

Il-Qorti:-

Din il-kawża tirrigwarda inċident stradali li ġara fil-31 ta' Awissu, 1994, quddiem il-bini ta' l-Awtorita` Marittima f'Lascaris Wharf, il-Belt, bejn vettura numru M-3629 misjuqa mill-konvenut Adrian Baldacchino u karozza oħra bin-numru D-7161 misjuqa mill-konvenuta Audrey Mangion. Bħala konsegwenza ta' dan l-inċident, il-vettura assigurata mad-ditta assiguratriċi attriċi proprjeta` ta' Alfred Dowdall li kienet parkeġġjata mal-ġenb tat-triq proprju quddiem l-uffiċju ta' l-Awtorita` Marittima ġarrbet ħsara. Qed taġixxi s-soċjeta` assiguratriċi għar-risarċiment tad-danni subiti mill-assigurat tagħha li għalihom hi għamlet tajjeb, kif obbligata tagħmel skond il-polza ta' assigurazzjoni u l-liġi u għalhekk qed taġixxi in kwantu surrogata fid-drittijiet ta' l-assigurat tagħha kontra l-

konvenuti jew min minnhom jiġi ddikjarat responsabbli għad-danni konsegwenzjali għall-inċident. Hu ovvju - u dan mhux ikkontestat - illi l-assigurat tas-soċjeta` attriċi ma jista' jkun bl-ebda mod responsabbli għas-sinistru, imma jista' biss ikun meqjus bħala vittima innoċenti tiegħu, in kwantu l-vettura tiegħu kienet regolarment ipparkeġġjata meta ġiet milquta;

Iż-żewġ konvenuti hekk iddeskrivew id-dinamika ta' l-inċident skond l-ottika rispettiva tagħhom;

Il-konvenut Baldacchino, li kien ġej isuq mid-direzzjoni tal-Marsa lejn il-Belt, f'daqqa waħda ra lil Mangion ġejja mid-direzzjoni opposta, taqsam quddiemu u tmur *wrong side* biex taqbad it-telgħa tal-Kurċifiss. Kif ra hekk hu għafas il-*brakes* iżda xorta baqa' dieħel fil-vettura ta' Mangion;

Il-konvenuta Mangion issostni li hi kienet ħierġa mill-Belt bil-ħsieb li taqbad it-telgħa tal-Kurċifiss, xegħlet l-*indicator* biex tindika l-ħsieb tagħha li tikser lejn il-lemin f'dik id-direzzjoni. Ġie l-konvenut Baldacchino mid-direzzjoni opposta, dan ma taħiex ċans u baqa' għaddej dritt għal fuqha. Bid-daqqa ntefgħet fuq il-karozza ta' Dowdall assigurata mad-ditta assiguratriċi attriċi u għamlitilha l-ħsara;

Il-Qorti Ċivili tal-Maġistrati, b'sentenza ta' l-21 ta' Marzu, 1996, wara li qieset iċ-ċirkostanzi kollha tal-każ iddeċidiet billi laqgħet:

"... it-talba ta' l-attur *nomine*, tiddikjara lill-konvenuti Audrey Mangion u Adrian Baldacchino ugwalment responsabbli għad-danni kollha sofferti mill-attur *nomine* bħala konsegwenza ta' l-inċident tat-traffiku li ġara fil-31 ta' Awissu, 1994 fil-limiti tal-Belt Valletta waqt li l-konvenuti kienu qed isuqu l-vettura O-7161 u W-3629 b'mod negliġenti li wasslu li ħabtu ma' xulxin u

sussegwentement ġiet milquta l-vettura numru U-8510 proprjeta` ta' l-assikurat ta' l-attur *nomine* li dak il-ħin kienet wieqfa ipparkjata;

Tillikwida d-danni sofferti mill-attur *nomine* fl-ammont ta' Lm150.90 u konsegwentement tikkundanna lill-konvenuti Mangion u Baldacchino li jħallsu lill-attur *nomine* s-somma hekk likwidata fi kwoti ugwali bejniethom. Bl-ispejjeż kwantu għal nofs għal Audrey Mangion u nofs għal Adrian Baldacchino";

Il-Qorti tal-Maġistrati hekk immotivat is-sentenza tagħha:

"Sa ftit taż-żmien ilu t-triq tal-Marsa kienet waħda sekondarja *vis-a-vis* t-telgħa tal-kurċifiss peress li kienet pjuttost dejqa u ma kellhiex il-volum ta' traffiku li kien hemm fit-telgħa. Illum pero` l-konfigurazzjoni tat-triq inbidlet. It-triq tal-Marsa saret wiesa' ħafna bil-bini tal-moll il-ġdid u assumiet ukoll importanza akbar għax tagħti għad-diversi *terminals* tal-port waqt li t-telgħa tal-Kurċifiss baqgħet isservi r-rwol prinċipali bħala waħda mill-*exit roads* tal-Belt. Ma hemmx dubbju li dawn iż-żewġ toroq ma jistgħux aktar jiġu konsidrati fi rwol tradizzjonali tagħhom u llum it-tnejn għandhom l-importanza tagħhom u l-ebda waħda mhu dipendenti għall-oħra. Għalhekk is-sewwieqa jridu joqgħodu ferm attenti speċjalment meta l-vetturi jkunu ser jinkroċjaw il-passaġġ ta' xulxin. F'dawn it-toroq ħadd m'għandu d-dritta u f'każ ta' dubbju, s-sewwieq għandu jċedi peress li jkun ferm perikoluż li sewwieq jassumi drittijiet fejn dawn ma jeżistux;

Dan l-inċident ġara pero` proprju għalhekk għax iż-żewġ sewwieqa Mangion u Baldacchino ma ċedewx lil xulxin u assumew drittijiet li ħadd minnhom ma kellhom u għalhekk il-Qorti jidhrilha li għal dan l-inċident u speċifikament għad-danni

subiti mill-assikurat ta' l-attur *nomine* għandhom ikunu responsabbli ż-żewġ konvenuti Mangion u Baldacchino fi kwoti ugwali bejniethom";

L-aggravju ta' l-appellant Baldacchino hu illi meta vettura tkun, bħall-konvenuta Mangion, qed issuq mid-direzzjoni tal-Belt biex tmur lejn it-telgħa tal-Kurċifiss, trid taqbeż il-karreġġjata tat-traffiku li bħala jkun ġej min-naħa tal-Marsa. Kwindi l-obbligu għall-attenzjoni *huwa akbar fuq min ikun* sejjer idur lejn it-telgħa. Hu jissottometti li anke jekk jiġi aċċettat li ż-żewġ toroq kienu ta' importanza ugwali, xorta l-konvenuta Mangion *kellha tagħtih id-dritta la hu kien qed isuq* għad-dritt. L-appellant jissottometti ukoll illi fl-agħar ipotesi għalih il-ħtija ma kellhiex tinqasam ugwalment bejn il-konvenuti, imma terz kellu jiġi *addebitat lilu u żewġ terzi* lill-konvenuta l-oħra;

Din il-Qorti *ma tqisx dawn l-aggravji ġustifikati u ssib* ġusti l-konsiderazzjoni ta' l-Ewwel Qorti li wassluha biex taddebita r-reponsabbilita` għall-akkadut liż-żewġ konvenuti fi kwoti indaqs bejniethom. *Għamlet sew* l-Ewwel Qorti li tat valur determinanti lill-konfigurazzjoni partikolari tal-lokalita` fejn seħħ l-inċident. Lokalita` li llum tista' titqies li hi fformata minn żewġ *arterji mportanti* li jingħaqdu f'xulxin fi spazju għal kollox irregolati li sfortunatament mhu bl-ebda mod regolat b'avviżi, u li fih it-traffiku hu mħolli jsib id-direzzjoni tiegħu liberament bla għajnuna ta' *roundabouts, centre strips* jew *traffic lights*. Hi lokalita` allura li kemm id-*driver* li jkun qed isuq mid-direzzjoni tal-Marsa dirett lejn il-Belt, kif ukoll dak li mill-Belt ikun ħareġ intenzjonat biex jaqbad it-telgħa tal-Kurċifiss, kellhom jersqu lejha bil-galbu u jimmanuvrawha b'attenzjoni kbira. L-ebda wieħed minnhom ma seta' jippretendi li kellu xi dritta fuq l-ieħor u diffiċilment seta' kull wieħed minn dawn is-sewwieqa jkun ċert x'kienet l-intenzjoni tad-*driver* li jkun ġej mid-direzzjoni opposta. Infatti kull wieħed minn dawn

id-*drivers* kellu almenu żewġ *options* miftuħa għalih ta' direzzjonijiet li fihom seta' jsuq meta jasal fit-tarf ta' triqtu, u ċjoe` fil-punt proprju fejn iż-żewġ trajettorji tal-konvenut kienu jinkroċjaw;

Il-Qorti allura ssib illi l-kawża prossima u mmedjata ta' l-inċident, ma kinitx għaliex xi wieħed mill-konvenuti naqas li jagħti d-dritta lill-ieħor li kellu r-*right of way*, imma għaliex iż-żewġ konvenuti naqsu li jieħdu dawk il-prekawzjonijiet li kienu obbligati jieħdu meta kienu qed joqorbu lejn u jsuqu f'lokalita` li kienet ovvjament tippreżentalhom diffikulta` u inċertezza. Il-prudenza kienet allura tiddettalhom li joqorbu lejn xulxin u lejn dik il-lokalita` b'veloċita` verament ridotta u b'mod li jaċċertaw ruħhom li jkollhom l-opportunita` li jżommu *a proper look out* għas-sewqan tal-vetturi li jkunu qegħdin jersqu mid-direzzjonijiet differenti lejn l-inkroċju tat-toroq u mhux neċessarjament u biss mid-direzzjonijiet li kienu qed isuqu l-konvenuti. Traffiku li seta' per eżempju jkun nieżel minn Triq il-Kurċifiss bil-ħsieb li jibqa' sejjer, jew lejn il-Belt, jew li jdur fuq il-lemin tiegħu biex imur lejn il-Marsa. Sitwazzjoni allura li timponi fuq id-*drivers* kollha li jsuqu b'mod li jkunu il-ħin kollu f'kontroll sħiħ tal-vetturi tagħhom, biex ikunu jistgħu jilqgħu għal kull sitwazzjoni fit-toroq, anke mhux mistennija li traffiku ieħor ikun jista' joħloq;

Il-provi juru li ż-żewġ konvenuti naqsu minn dan l-obbligu u kienu t-tnejn imprudenti fis-sewqan tagħhom, b'mod li pprovokaw l-inċident. Kull wieħed minnhom jidher li kien għal kollox inkuranti mill-presenza ta' traffiku ieħor fil-lokalita`. Biżżejjed jingħad li kull wieħed mill-konvenuti baqa' jsuq bl-istess veloċita` li kien qed isuq biha meta kien riesaq lejn il-punt fejn kien jikkonverġu ż-żewġ toroq, u dana minflok naqqsu b'mod markat il-veloċita` tagħhom. Il-Qorti nfatti ssib li l-veloċita` taż-żewġ vetturi kienet in eċċess ta' dak li kien konsentit u suġġerit għal-lokalita` partikolari u diffiċli li huma

kellhom jinnavigaw. Infatti l-vetturi tal-konvenuti ħallew qabel l-impatt *brakes* ta' seba' metri u ta' ħdax-il metru rispettivament li ċertament mhumiex indikattivi ta' veloċita` prudenti għal-lokalita` u fiċ-ċirkostanzi. Il-konvenut Baldacchino nfatti jammetti għall-veloċita` ta' tletin mil fis-siegħa. Apparti dan hemm ukoll konflitti evidenti fix-xhieda li ma ġew bl-ebda mod ġustifikati mill-provi prodotti. Hekk per eżempju l-konvenuta Mangion tinsisti illi hi tat preavviż ta' l-intenzjoni tagħha li tikser lejn il-lemin tagħha biex titla' t-telgħa tal-Kurċifiss, u dana billi xegħlet l-*indicator*. Il-konvenut Baldacchino jiċħad dan u jsostni għall-kuntrarju illi Mangion qabdet u biddlet id-direzzjoni bla ebda pre-avviż. Jgħid li Mangion f'daqqa waħda marret *wrong side* biex tkun tista' taqbad it-telgħa. Mangion għall-kuntrarju ssostni li hi kienet diġa` bdiet tiela t-telgħa meta ġiet investita mill-vettura ta' Baldacchino. Anke taħt dan l-aspett allura jidhru korretti l-konsiderazzjonijiet tas-sentenza appellata li qisu li ż-żewġ konvenuti kienu mprudenti fis-sewqan tagħhom u kellhom allura jiġu misjuba ugwalment ħatja għas-sinistru;

Għal dawn il-motivi l-appell hu miċħud u s-sentenza appellata kkonfermata. L-ispejjeż tal-Prim'Istanza jibqgħu kif ġa` deċiżi u dawk ta' dan l-appell huma a kariku ta' l-appellant.

---